# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa**
**Erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar 2024.**

**Rikors Numru 286/2019 FDP**

Fl-ismijiet

**Avukat Dottor Peter Grima (K.I: 34988M)**

**Vs**

**Josephine Casabene (K.I: 972M) u Casabene Limited (C 80516)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 15 ta' Marzu 2019, li permezz tiegħu r-rikorrenti talab is-segwenti:

    1. *Illi l-esponenti huwa proprjetarju tal-fond 2, Triq Santa Margerita, Bormla, u kien inkariga lill-intimati sabiex jeżegwixxu varji xogħolijiet f'dan il-fond, inklużi xogħolijiet ta' restawr tal-faċċata, xogħol ta' restawr ta' gallarija, tibdil ta' travi tal-injam li jżommu saqaf minn din il-proprjeta', u kif ukoll għal xogħol ta' finishes u ċioe' tikħil u tibjid, f'dan il-fond.*
    2. *Illi bħala parti mix-xogħolijiet li kellhom jsiru, l-intimati ġew imqabbda sabiex jakkwistaw, u jagħmlu dak kollu li kien meħtieġ għat-tlestija ta' dawn ix-xogħolijiet.*
    3. *Illi l-intimati naqsu milli jwettqu l-appalt mogħti lilhom skond is-sengħa u l-arti.*
    4. *Bħala konsegwenza tal-aġir tal-intimati, l-esponenti inkorrew danni inġenti, għal liema danni huma esklussivament responsabbli l-intimati.*
    5. *Illi l-esponenti sofra ukoll telf konsegwenzjali inkluż telf ta' profitt li kieku dan ix-xogħol tlesta skond is-sengħa u l-arti.*

6. *Illi minkejja li l-intimati ġew interpellati sabiex jagħmlu tajjeb għad-danni tar-rikorrent, huma baqgħu inadempjenti;*
7. *Għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant l-esponenti jiltob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li tagħti dawk id-dikjarazzjonijiet li jidrulha xierqa u opportuni:*

*(1) Tiddikjara li l-intimati ma esegwewx l-appalt mogħti lilhom fil-fond 2, Triq Santa Margerita, Bormla skond is-sengħa u l-arti;*

*(2) Tiddikjara lill-konvenuti intimati solidalment responsabbli għad-danni kollha sofferti u konsegwenzjali għan-nuqqas tagħhom li jespletaw l-appalt mogħti lilhom skond kif tirrikjedi s-sengħa u l-arti, inkluż telf ta' profit li l-attur rikorrenti seta' jagħmel kieku l-appalt tlesta skond is-sengħa u l-arti.*

*(3) Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, id-danni kollha sofferti mill-attur rikorrent minħabba l-aġir tal-konvenuti intimati, in solidum bejniethom, inkluż it-telf ta' profit li l-attur rikorrenti seta' jagħmel kieku l-appalt tlesta skond is-sengħa u l-arti.*

*(4) Tikkundanna lill-istess konvenuti intimati biex solidalment bejniethom iħallsu dawk id-danni hekk likwidati;*

*Bl-ispejjeż kompriżi tal-mandat ta' sekwestru numru 259/2019 u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fit-2 t' Awwissu 2019, l-intimati rrispondew għal dak mitlub billi qajjmu is-segwenti difiżi:

   1. *Illi l-ewwel u qabel kollox l-attur għandu jipprova li l-ġudizzju huwa integru.*

   2. *Illi mingħajr preġudizzju, l-attur għandu jipprova wkoll li hu kellu u għandu l-interess ġuridiku biex jibda'u jissokta b'din il-kawża;*

   3. *Illi l-eċċipjenti Josephine Casabene mhijiex il-leġittimu kontradittriċi tal-attur;*

   4. *Mingħajr preġudizzju, mhux minnu li l-attur sofra xi danni li għalihom hija responsabbli l-eċċipjenti Josephine Casabene;*

   5. *Mingħajr preġudizzju, mhux minnu li l-attur sofra xi danni li għalihom hija responsabbli l-eċċipjenti Casabene Limited;*

   6. *Illi mingħajr preġudizzju, l-eccipjenti Josephine Casabene m'għandhiex tbagħti hi l-ispejjez, wisq anqas dawk tal-mandat ta' sekwestru 259/2019 li saħansitra ġie ppreżentat fil-konfront tagħha meta l-attur kien jaf ben tajjeb li hu kien ikkuntratta ma' Casabene Limited — tant li l-attur saħansitra ta' l-irċevuti fiskali li inħarġulu mill-istess Casabene Limited lill-Awtorita' tal-Ippjanar in konnessjoni mal-applikazzjoni biex jottjeni għotja mingħand dik l-Awtorita' in konnessjoni mal-iskema "Irrestawra Darek" — dan kollu jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża;*

7. *Illi tant kienu tajbin ix-xogħolijiet prestati a favur tal-attur li l-Awtorita' tal-Ippjannar approva l-ħlas ta' għotja lill-istess attur taħt l-iskema "Irrestawra Darek" in konnessjoni mal-istess xogħolijiet;*

8. *Illi mingħajr preġudizzju, illi la kien hemm vizzji sostanzjali u lanqas ma kien hemm vizzji mhux sostanzjali fix-xogħolijiet eżegwiti għal-benefiċċju tal-attur. Aktar minn hekk, lanqas ma kien hemm difetti li jidhru fix-xogħolijiet eżegwiti għal-benefiċċju tal-attur. Anzi kif ser jirriżulta l-kwistjoni kollha tirrelata ma' travi mixtrija mingħand terzi (Cortis Timber and Wood Products Limited) li skond l-attur ma kinux ta' saħħa biżżejjed biex jifilħu s-saqaf sovrastanti, ħaġa li ċertament seta' jivverifika l-Perit tal-attur, l-abbli Perit Peter Valentino. Għalhekk huwa xieraq li l-istess Perit Peter Valentino jiġi kjamat fil-kawża odjerna;*

9. *Illi mingħajr preġudizzju hekk kif jirriżulta mill-anness email spedit mill-Av Dr. Karl Grech f'isem l-attur datat l-24 ta' Jannar 2019 (Dok. "B" anness), huwa ferm ovvju li l-kawżali vera ta' din il-kawża ma hijiex dik ta' xogħol mhux skond is-sengħa u l-arti iżda hija relatata mal-instalazzjoni ta' travi ta' l-injam fl-ewwel sular fil-proprjeta' tal-attur, travi li hekk kif kien jaf ben tajjeb l-attur qabel ma dawn ġew installati, kienu ħaġa naturali u dejjem kien hemm il-possibilita' ta' difetti moħbija. Dawn kienu debitament mixtrija mingħand Cortis Timber and Wood Products Limited — vide l-anness Dok. "D" u skond l-istess Cortis Timber and Wood Products Limited kienu tajbin għal kostruzzjoni — vide l-anness Dok. "E"*

10. *Illi mingħajr preġudizzju, għalhekk l-kawża esperita mill-atturi hija nulla u inazzjonabbli stante li l-azzjoni esperita hija waħda għad-danni u mhux jew l-azzjoni minħabba nuqqas ta' kwalita' pattwita kif kontemplat fl-artikolu 1390 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jew l-azzjoni redhjbitoria jew dik aestimatoria kif kontemplati fl-artikolu 1427 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, liema fatt jirriżulta minn nuqqas ta' talba sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li x-xogħolijiet prestati kienu afflitti minn nuqqas ta' kwalita' pattwita u/jew difetti latenti u kif ukoll minn nuqqas ta' talba sabiex din il-Qorti tirrexxindi l-kuntratt ta' bejgħ jew tordna t-tnaqqis fil-prezz pattwit;*

11. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma preskritti u perenti a tenur tal-Artikolu 1407 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta);*

12. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma preskritti u perenti a tenur tal-Artikolu 1431 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta);*

13. *Illi mingħajr preġudizzju, dina l-kawża la għandha x'taqsam ma jekk ġiex eżegwit l-appalt fil-fond 2, Triq Santa, Margerita, Bormla skond is-sengħa u l-arti din hija ntiża biss biex tikkalpesta lill-esponenti pro et nomine talli ma waqgħetx, tramite s-soċjeta' eċċipjenti, għat-talba tal-*

*attur biex teżegwixxi xogħol b'xejn għall-attur u wara biex tħallas somma flus bil-għan li ma jeżegwixxix it-theddida indirizzata lill-eċċipjenti li jiddispjaċiha għal għomorha — tant hu hekk li wara li talab lill-eċċipjenti jħallsu disgħa t'elef euro (€9,000) a saldu, ftit aktar minn xahar wara ppreżenta sekwestru kontra ż-żewġ eċċipjenti biex jikkawtela allegat kreditu ta' għoxrin elf euro (€20,000,);*

*14. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li xejn ma huwa dovut lill-attur;*

*15. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda;*

*Bl-ispejjeż, u bir-riżerva ta' kull jedd spettanti lil eċċipjenti jew lil min minnhom kemm għal kreditu rimanenti għar-rigward ta' xogħolijiet prestati dovut lis-soċjeta' Casabene Limited u anke għal kull jedd għall-penali stabbilit fl-artikolu 836(8) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u għad-danni kollha sofferti minħabba l-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju preċitat numru 259/2019 (Dak. "C" anness) fl-ismijiet premessi*

**Provi:**

3. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mill-intimati flimkien mar-risposta ġuramentata fosthom:

    a. kopja tar-rapport imħejji mill-Perit Amanda De Giovanni datat 4 ta' Settembru 2018;
    b. *email* intitolata *legal letter* datata 24 ta' Jannar 2019 mibgħuta għan-nom tal-attur;
    c. kopja tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 259/2019 ippreżentat u milqugħ fis-27 ta' Frar 2019;
    d. irċevuta datata 11 ta' April 2017 rigwardanti travi mixtrija minn Cortis Timber and Wood Products Limited; u
    e. ċertifikat maħruġ minn Cortis Timber and Wood Products Limited.

4. Rat illi fis-16 ta' Ottubru 2019, ir-rikorrenti talab sabiex Dok B u ċioe' *l-email* intitolata *legal letter* datata 24 ta' Jannar 2019 mibgħuta għan-nom tal-attur, eżebit mill-intimati flimkien mar-risposta ġuramentata tagħhom tiġi sfilzata stante illi hija korrispondenza li kienet saret 'Mingħajr Preġudizzju', liema talba għall-isfilz ġiet miċħuda iżda l-Qorti provdiet illi tali dokument mhux se tikkonsidrah bħala prova quddiem din il-Qorti.

5. Semgħet ix-xhieda tar-rikorrenti **Dr. Peter Grima** mogħtija fl-20 ta' Novembru 2019 (fol 44-55) kif ukoll rat id-dokumentazzjoni varja minnu eżebiti (fol 56-168).

6. Semgħet ix-xhieda tal-**Perit Peter Valentino** mogħtija fl-14 ta' Ottubru 2020 (fol 179-189).

7. Semgħet ix-xhieda ta' **Joseph Aquilina** mogħtija fl-14 ta' Ottubru 2020 (fol 190-198).

8. Semgħet ix-xhieda tal-**Perit Amanda De Giovanni** mogħtija fl-14 ta' Ottubru 2020 (fol 199-203).

9. Rat in-nota ppreżentata mir-rikorrenti fil-25 ta' Frar 2021 flimkien mad-dokument anness magħha (fol 206-207).

10. Rat illi fil-25 ta' Frar 2021 ir-rikorrenti ddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

11. Semgħet ix-xhieda tal-intimata **Josephine Casabene** mogħtija fl-4 ta' Mejju 2021 (fol 209-228) u rat id-dokumenti minnha eżebiti (fol 229-259).

12. Semgħet il-kontinwazzjoni tax-xhieda tal-intimata Josephine Casabene mogħtija fis-7 ta' Lulju 2021 (fol 261-270) u rat id-dokumenti minnha eżebiti (fol 271-274).

13. Semgħet ix-xhieda in kontro-eżami tal-Perit Amanda De Giovanni mogħtija fl-14 ta' Diċembru 2021 (fol 276-279).

14. Semgħet ix-xhieda in kontro-eżami ta' Joseph Aquilina mogħtija fl-14 ta' Diċembru 2021 (fol 280-297) u rat id-dokumenti minnu eżebiti (fol 298-336).

15. Semgħet ix-xhieda ta' **Antoine Attard** mogħtija fit-2 ta' Marzu 2022 (fol 342-348) u rat id-dokumenti minnu eżebiti (fol 349-363).

16. Semgħet ix-xhieda ta' **Mark Cassar** mogħtija fit-2 ta' Marzu 2022 (fol 364-368).

17. Rat l-affidavit ta' **Antoine Attard** ippreżentat fis-7 ta' April 2022 (fol 370) u rat id-dokumenti annessi miegħu (fol 371-373).

18. Semgħet ix-xhieda ta' **Roderick Livori** mogħtija fil-25 ta' Mejju 2022 (fol 379-384) u rat id-dokumenti minnu eżebiti (fol 385-434).

19. Semgħet ix-xhieda tal-**Perit Glynn Drago** mogħtija fil-25 ta' Mejju 2022 (fol 435-436).

20. Rat in-nota ppreżentata mill-intimati fis-17 ta' Ottubru 2022 (fol 440) flimkien mad-dokumenti annessi magħha (fol 441-495).

21. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami tal-Perit Peter Valentino mogħtija fis-17 ta' Ottubru 2022 (fol 496-507).

22. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami tar-rikorrenti Dr Peter Grima mogħtija fis-26 ta' Jannar 2023 (fol 511-525).

23. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami tal-intimata Josephine Casabene mogħtija fl-10 ta' Mejju 2023 (fol 527-538).

24. Rat illi fl-10 ta' Mejju 2023 l-intimati ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw.

25. Rat illi fl-10 ta' Mejju 2023, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet rikorrenti bil-miktub.

26. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti ppreżentata fl-10 ta' Lulju 2023 (fol 540-555).

27. Rat illi fl-10 ta' Lulju 2023 il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet intimati bil-miktub.

28. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati ppreżentata fil-15 ta' Novembru 2023 (fol 556-605).

29. Rat illi fil-15 ta' Novembru 2023 il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Fatti tal-każ**

30. Jirriżulta illi r-rikorrenti huwa proprjetarju tal-fond numru 2, Triq Santa Margerita, Bormla, liema proprjetà kien jinħtieġilha xogħol ta' restawr minn barra kif ukoll minn ġewwa u b'hekk f'Awwissu tas-sena 2016 ir-rikorrenti tkellem mal-intimata Josephine Casabene, illi dak iż-żmien kienet għadha taħdem mas-soċjetà Capece Construction Ltd, fejn talabha għal stima, liema stima ġiet eżebita mir-rikorrenti Dok 2 (fol 58-62). Illi stima *updated* ġiet imbagħad ippreżentata mill-intimata Josephine Casabene Dok JC 4 (fol 247-248). Illi x-xogħlijiet ġewwa l-proprjetà tar-rikorrenti bdew xi ftit tax-xhur wara.

31. Jirriżulta illi wara ftit taż-żmien, ġie nnutat illi t-travi tal-injam illi kien hemm diġà fil-proprjetà tar-rikorrenti kellhom il-ħsara. Dawn kienu ġew eżaminati mill-Perit tar-rikorrenti, l-Perit Peter Valentino. L-istess Perit ħejja rapport intitolat '*Latent Defect Report'* datat 16 ta' Marzu 2017 eżebit Dok 4 (fol 69-70).

32. Jirriżulta illi r-rikorrenti qabbad lill-intimata sabiex tieħu ħsieb tagħmel ix-xogħolijiet neċessarji sabiex jinbidlu dawn it-travi difettużi. Illi dawn ix-xogħlijiet tlestew f'April tas-sena 2017.

33. Jirriżulta illi xi żmien wara immanifestaw xquq f'dawn it-travi. Illi r-rikorrenti nforma lill-intimata Josephine Casabene b'dan u staqsa lill-Perit tiegħu l-Perit Peter Valentino sabiex jagħmel ispezzjoni ta' dawn it-travi. Illi l-Perit Valentino issuġerixxa illi jitħalla ftit taż-żmien jgħaddi sabiex ikunu jistgħu jaraw il-'*movement'* fit-travi. Illi ftit xhur wara reġgħet saret ispezzjoni oħra mill-Perit Valentino.

34. Jirriżulta illi maż-żmien kien hemm aktar '*movement'* fit-travi u għalhekk il-Perit Peter Valentino ta parir sabiex jiġi ngaġġat espert f'dan il-qasam u b'hekk ġie ngaġġat is-Sur Joseph Aquilina sabiex jeżamina t-travi u jħejji rapport. Dan ir-rapport tħejja mis-Sur Aquilina, li jinsab eżebit Dok 9 (fol 81-95), datat Mejju 2018.

35. Jirriżulta illi l-intimata Josephine Casabene talbet illi jsir rapport ieħor u b'hekk irrikomandat li tiġi ngaġġata l-Perit Amanda De Giovanni. Illi l-Perit De Giovanni ħejjiet ir-rapport tagħha fl-4 ta' Settembru 2018, liema rapport ġie eżebit bħala Dok 10 (fol 96-99).

36. Jirriżulta illi bejn il-partijiet kienu għaddejjin diversi diskussjonijiet dwar l-opzjonijiet differenti sabiex isiru x-xogħlijiet rimedjali.

37. Jirriżulta illi, eventwalment, ix-xogħlijiet rimedjali li kellhom isiru minħabba t-travi saru minn terzi u mhux mill-intimata. Illi r-rikorrenti ppreżenta Dok 13 (fol 148-161), li fih hemm lista tax-xogħlijiet rimedjali u l-*invoices* relattivi għal dawn ix-xogħlijiet.

38. Jirriżulta illi r-rikorrenti minbarra l-kwistjoni tat-travi, jilmenta wkoll li kellu problema fil-gallarija li kienet ġiet irrestawrata mill-intimata Casabene u dan għaliex, skont l-istess rikorrenti kien hemm tqaxxir fiż-żebgħa tal-gallarija. Illi jirriżulta illi xogħlijiet rimedjali fil-gallarija baqgħu qatt ma saru iżda r-rikorrenti ppreżenta stima eżebita a fol 207.

**Ikkunsidrat**

39. Jirriżulta, mill-premessi u mit-talbiet, illi r-rikorrenti qiegħed permezz tal-azzjoni preżenti jitlob illi jiġi ddikjarat illi l-intimati ma esegwewx l-appalt mogħti lilhom fil-fond 2, Triq Santa Margerita, Bormla skond is-sengħa u l-arti, illi jiġi dikjarat illi l-intimati għandhom ikunu dikjarati responsabbli għad-danni kollha sofferti u konsegwenzjali għan-nuqqas tagħhom li jespletaw l-appalt mogħti lilhom skont is-sengħa u l-arti, inkluż telf ta' profit, illi jiġu likwidati tali danni u li konsegwentament l-intimati solidament bejniethom jiġu kkundannati jħallsu dawn id-danni hekk kif likwidati.

40. L-intimati Josephine Casabene u s-soċjetà Casabene Limited eċċepew fost eċċezzjonijiet oħra illi l-attur għandu jipprova illi l-ġudizzju huwa integru u li l-attur kellu u għandu l-interess ġuridiku sabiex jissokta b'din il-kawża, illi l-intimata Josephine Casabene mhijiex il-leġittimu kontradittur, illi in oltre mhuwiex minnu li l-attur sofra danni li għalihom huma responsabbli Josephine Casabene u s-soċjetà Casabene Limited u lix-xogħlijiet eżegwiti la kien hemm difetti, la kien hemm vizzji sostanzjali u lanqas kien hemm vizzji mhux sostanzjali.

**Eċċezzjonijiet preliminari**

**L-eċċezzjoni preliminari tal-intimati dwar l-interess ġuridiku tal-attur**

41. B'referenza għal din l-eċċezzjoni preliminari l-Qorti se tgħaddi biex tagħmel referenza għall-ewwel premessa tal-attur fir-rikors ġuramentat tiegħu fejn huwa jistqarr illi huwa proprjetarju tal-fond 2, Triq Santa Margerita, Bormla. Referenza ssir ukoll għax-xhieda tal-rikorrenti a fol 45 fejn huwa jgħid: *"jiena kelli proprjeta'... għandi proprjeta' Cospicua u kelli bżonn xogħol ta' restawr kemm min-naħa ta' ġewwa u kemm l-estern".* Illi in oltre in atti ġie eżebit Dokument AA1 a fol 349, li huwa l-kuntratt ta' akkwist datat 14 ta' Jannar 2016 li permezz tiegħu l-attur akkwista l-proprjetà *de quo* mingħand il-venditur Bank of Valletta. Barra minn hekk, il-Qorti tosserva wkoll illi mid-dokumentazzjoni eżebita in atti li tirrigwarda dokumentazzjoni tal-Planning Authority, bħad-dokument a fol 401, id-dokument a fol 409, id-dokument a fol 414, id-dokument a fol 427, fejn f'dawn id-dokumenti l-attur huwa mniżżel bħala l-applikant u s-sid tal-proprjetà 2, Triq Santa Margerita, c/w, Triq Erin Serracino Inglott, Cospicua (Bormla). In oltre, fatt illi fl-ebda moment tal-kawża ma ġie mqajjem jew ikkontestat, kien proprju illi r-rikorrenti kien u għadu l-proprjetarju tal-fond in kwistjoni li fih saru x-xogħlijiet.

42. Il-Qorti ser tgħaddi biex tikkwota dak li jgħid l-awtur Mattirolo fuq l-interess ġuridiku. Mattirolo[1] jfissier b'mod ċar x'inhu l-interess ġuridiku li jrid ikun hemm f'kull kawża, bil-mod segwenti:

> *"L'azione presuppone il diritto, che essa e' chiamata a tutelare; ma perche' la si eserciti e' mestieri che vi si abbia interesse. Indi' la massima di giurisprudenza tradizionale "l'interesse e' la misura di azione" "point d'interet, point d'action". Il Codice di procedura civile italiano enuncia questo principio, applicandolo sia all'attore che al convenuto: all'articolo 36 (illum art.100 c.p.c.) e' detto che 'per proporre una domanda in giudizio e per contradirre alla medesima, e' necessario avervi interesse'....l'interesse necessario per potere partecipare alla causa in qualita' di attore, di convenuto, o di terzo interveniete – deve essere diretto, legittimo, e attuale. E' mestieri dapprima che l'interesse sia diretto, personale, perche' ...niuno e' ammesso a stare in giudizio se non per difesa di un interesse proprio, o di persona che esso legalmente rappresenta. . L'interese deve in secondo luogo essere legittimo, cioe' confome al diritto di chi sta in causa. L'interesse e' cosa essenzialmente distinta dal diritto, come l'utile e' distinto dal giusto; l'azione compete soltanto a tutela dei diritti, l'interesse e' la molla che la mette in esercizio. Quindi, se l'interesse e' scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non giudizio possibilie; cosi' che, per isituire un giudizio, non basta che un fatto d'altri pregiudichi i nostri interessi, ma occorre che questo fatto ci arrechi un danno giuridico, danno che non esiste se non e' injuria datum, se cioe' non e' prodotto da chi, esorbitando dalla sfera del diritto proprio,offende un nostro diritto. Per ultimo l'interesse deve essere attuale, val quanto dire occorre che esista al momento in cui si propone l'azione. Avvertasi pero' che l'interesse puo' essere attuale, sebbene il diritto a cui si riferisce sia soltanto a termine, od anche solo eventuale; imperocche' anche un diritto eventuale puo' essere leso; e la lesione fa sorgere l'interesse attuale e legittimo ad ottenere al ricognizione del diritto col mezzo di una condanna preventiva, che risolva la contesa presenti".*

43. Illi l-Qorti tosserva illi fl-ottika ta' dak delineat aktar kmieni hawn fuq, jeżistu l-elementi li skont id-dottrina u l-ġurisprudenza fuqhom huwa bbażat l-interess ġuridiku u ċioè: li l-interess ġuridiku jridu ikun dirett u personali, leġittimu u attwali, sabiex l-attur jippromwovi l-kawża in deżamina.

44. Għaldaqstant, il-Qorti tgħaddi sabiex tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-intimati.

**L-eċċezzjoni preliminari tal-intimati illi Josephine Casabene mhijiex il-leġittimu kontradittriċi tal-attur.**

45. Fit-tielet eċċezzjoni tagħhom l-intimati jsostnu illi Josephine Casabene mhijiex il-leġittimu kontradittriċi tal-attur. Illi l-intimata tibbaża din l-eċċezzjoni fuq il-fatt illi hija kienet dejjem qiegħda taġixxi f'isem il-kumpanija Capece Construction Ltd imbagħad wara, meta hija ma baqgħetx taħdem ma' dik il-kumpanija, u waqqfet is-soċjetà Casabene Ltd, hija kienet qiegħda taġixxi f'isem dik il-kumpanija.

---

[1] Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano; Torino 5 ta. Ed. 1902 Vol. I 54 et. seq. paġ. 50 -52

46. Dwar dak eċċepit, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel referenza għax-xhieda u għad-dokumentazzjoni relevanti fuq dan il-punt. Tibda billi tagħmel referenza għax-xhieda tal-attur mogħtija fl-20 ta' Novembru 2019 fejn huwa jgħid: (fol 44-45).

> *"Dr. Carl Grech:*
> *Mela Dr Grima, ibda billi tispjega kif iltqajt mas-Sinjura Casabene u x'ġara bejnietkom hemmhekk.*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Emm... mela iltqajt mas-Sinjura Casabene l-ewwel darba fl-2016. Kien hemm xogħol għaddej fuq proprjetà biswit l-uffiċju tiegħi u dak iż-żmien ħassjet illi x-xogħol kien għaddej tajjeb emm...u avviċinajt lill-ħaddiema li kienu qegħdin jaħdmu fuq il-post, staqsejt għal numru tal-imgħallem u tawni n-numru tas-Sinjura Casabene. Emm...tajjeb li ngħid li dak iż-żmien, il-kumpanija...is-soċjetà Casabene Limited ma kenitx teżisti u allura jiena kont qed niddealja mas-Sinjura Casabene f'isimha".*

47. Illi l-istess attur jeżebixxi d-dokument immarkat bħala Dok 2 (fol 58 u 60) li juri *emails* datati 3 u 6 ta' Diċembru 2016, mibgħuta mill-intimata Josephine Casabene *"o.b.o Capece Construction Ltd"* lill-attur fejn qiegħda tingħata stima tax-xogħlijiet. Illi l-istess attur jippreżenta wkoll numru ta' ċekkijiet immarkati bħala Dok 3 fol 63-68, liema ċekkijiet juru ħlasijiet illi saru mill-attur f'dati diversi lill-istess intimata Josephine Casabene u liema ċekkijiet huma intestati f'isem l-istess intimata. Huwa jippreżenta wkoll xi ritratti tax-xogħlijiet meħudin mill-*Facebook account* kemm ta' Casabene Ltd (Dok 6 fol 72 u fol 167-168) kif ukoll mill-*Facebook account* ta' Josephine Casabene (Dok 6 fol 73). In oltre, Dok 12 (fol 126-147) ippreżentat mill-istess attur juri sensiela ta' korrispondenza bejn l-attur, il-Perit Valentino u l-istess Josephine Casabene.

48. Illi l-intimata Josephine Casabene fix-xhieda tagħha mogħtija fl-4 ta' Mejju 2021 tispjega s-segwenti: (fol 209-211).

> *"Ix-Xhud:*
> *Mela jiena emm...jiena lil Dr Grima iltqajt miegħu...kont qed naħdem fuq proġett...dak iż-żmien kont impjegata ma' Capece Construction Ltd...emm u konna qed nagħmlu proġett ta' restawr emm...Triq il-Fran...Old Bakery, il-Belt.*
>
> .............
>
> *Ix-Xhud:*
> *U konna qed nagħmlu faċċata u kien avviċinani Dr Grima. Fil-fatt kien ġie talab xi ħaddiema għan-numru...għal kuntatt...contact person u kienu tawh in-numru tiegħi u kien sabni barra u beda jkellimna u fil fatt kien qalli....kont naħsbek Taljana. Qalli għax dejjem tgħajjat bit-Taljan. Anyway...u kien qalli li għandu dar Bormla u li ried jirranġa l-faċċata u kont mort naraha. Dan kien Awwissu. Emm...*
>
> *Dr Jonathan De Maria:*

*Awwissu ta' liema sena jekk jogħġbok?*

*Ix-Xhud:*
*Emm...Awwissu ħa ngħidlek eżatt........naf żgur li 23rd August 2016 irċevejt email mingħand Dr Grima bil-pjanti tad-dar.*

*Dr Jonathan De Maria:*
*Ok. U iġifieri inti meta kont qed titħadded miegħu...kont qed titħadded miegħu f'ismek personali?*

*Ix-Xhud:*
*No kont impjegata ma' xi ħadd ieħor.*

*Dr Jonathan De Maria:*
*Li huwa?*

*Ix-Xhud:*
*Capece Construction Ltd.*

*Dr Jonathan De Maria:*
*U din il-Capece Construction Ltd ta' min hi u x'inhi?*

*Ix-Xhud:*
*Ċertament mhux tiegħi. Ta' Marzio Capece Minutolo.*

.............

*Ix-Xhud:*
*U anyway emm...talabna stima kien...u ssottomettejna stima għal xogħlijiet fuq il-faċċata.*

*Dr Jonathan De Maria:*
*Iġifieri meta l-istima intbagħtet, f'isem min?*

*Ix-Xhud:*
*Capece Construction Ltd.*

*Dr Jonathan De Maria:*
*Ok.*

*Ix-Xhud:*
*Qatt ma ntbagħtet taħt ismi personalment. Dejjem...fil fatt tant hu hekk li ma kenitx taħt ismi li meta kienet ħarġet l-iskema ta' Irrestawra Darek...u hawn hekk nistgħu intellgħu lil Planning Authority...*

*Dr Jonathan De Maria:*
*U hekk se nagħmlu.*

*Ix-Xhud:*
*Id-dettalji ma kinux tiegħi imma kienu ta' Capece Construction Ltd".*

49. Illi l-intimata fl-istess xhieda tagħha tippreżenta dokument eżebit bħala Dok JC2 (fol 240-245) liema dokument juri li l-attur talabha: *"Could you please see the sections that involve you as the contractor and provide me with the details of the same"*. Illi kif jidher a fol 242 u Dok JC3 fol 246, l-istess intimata għaddietlu d-dettalji tal-kumpanija Capece Construction Ltd u hi ġiet imniżżla bħala *'contact person'*.

50. Illi fil-kontinwazzjoni tax-xhieda tagħha mogħtija fis-7 ta' Lulju 2021, l-intimata Josephine Casabene tgħid hekk: (fol 270)

> *"Dr Jonathan De Maria:*
> *U meta inti komplejt...inti semmejt qabel li l-irċevuta ħriġtha fuq Casabene...*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Casabene Limited.*
>
> *Dr Jonathan De Maria:*
> *Mela x-xogħol kien...Capece Constructions.*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Iva. Imbagħad I took over...u ħriġt irċevuta.*
>
> *Dr Jonathan De Maria:*
> *Issa tista' tispjega allura s-sekwenza ta' x'ġara iġifieri min kien qed jieħu ħsieb ix-xogħol?*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Iva jiena ddeċidejt li nitlaq minn Capece Constructions...kien hemm tilwima personali bejni u bejn id-direttur...u tlaqt u ddeċidejt li nibda nopera għal rasi. U emm...il...Dottor Grima kien kuntent ikompli jaħdem miegħi...mhux ma' Capece Constructions.*
>
> *Dr Jonathan De Maria:*
> *U inti bħala xiex?*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Jiena kont Casabene Limited qed nopera...u kien jaf għax il-kuġin tiegħu kien li ffurmali l-kumpanija".*

51. Illi in oltre, fis-17 ta' Ottubru 2022 ġiet ippreżentata nota mill-intimati b'numru ta' dokumenti fejn fosthom hemm kopja tal-irċevuta fiskali maħruġa mill-kumpanija Casabene Ltd lill-attur (Dok JCA1 fol 441-442). Illi kopja ta' din l-irċevuta fiskali tinsab ukoll fol 424.

52. Illi fil-25 ta' Mejju 2023 xehed Roderick Livori in rappreżentanza tal-Awtorità tal-Ippjanar fejn a fol 379 *et seq* jagħti d-dettalji ta' min kien il-Perit u l-kuntrattur meta jgħid:

   *"Valentino Architects bħala perit u bħala kuntrattur hawn miktub Capace Construction Limited, Miss Josephine Casabene".*

53. Illi l-istess xhud, ippreżenta l-*commencement notice* fol 414 fejn fiha hemm imniżżla Capece Construction Ltd (Ms Josephine Casabene) bħala '*Mason's details'* u d-dettalji tal-intimata Josephine Casabene bħala '*Site Manager's details'* kif ukoll l-applikazzjoni sottomessa mill-attur għall-iskema Irrestawra Darek (fol 430-434) fejn fiha hemm imniżżla s-segwenti dettalji:

> "*Name and Surname:* *Josephine Casabene*
> *Company Name:* *Capece Construction Ltd"*

54. Illi fix-xhieda mogħtija in kontro-eżami datata 26 ta' Jannar 2023, l-attur, meta mistoqsi dwar iċ-ċekkijiet magħmula f'isem Josephine Casabene, jirrispondi: (fol 512 et seq)

> *Għax appuntajt lil Josephine Casabene...mela ħa nispjega pass pass. F'Diċembru Josephine Casabene kienet qed taħdem ma' Capace Limited dik kont nafha...imma Josephine kienet qaltli dak iż-żmien li hi ma riditx tibqa' taħdem miegħu...dak kien l-eks boyfriend tagħha u riedet tiftaħ għal rasha. Allura jiena kont l-ewwel proġett tagħha personali...fil-fatt iċ-ċekkijiet kollha inħarġu f'isimha...avolja hi kienet qiegħda taħdem qisu taħt in-nom ta' Casabene Limited..."*

55. Illi in oltre, meta l-attur ġie mistoqsi dwar l-irċevuta fiskali maħruġa lilu minn Casabene Limited huwa jgħid is-segwenti: (fol 522 et seq)

> *Dr Jonathan De Maria:*
> *Iva...ili biex inti tieħu r-rilaxx tal-garanzija tal-planning authority tax...għax-xogħol inti ppreżentajt l-irċevuta fiskali ta' Casabene Limited...*
>
> *Il-Qorti:*
> *Din li qiegħda hawn taħt?*
>
> *Dr Jonathan De Maria:*
> *Eżattament...dik x'data għandha jekk jogħġbok?*
>
> *Il-Qorti:*
> *Din għandha data ta' 22nd March 2018...*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Mela din it-taħwida tal-klijenta tiegħek...dak li l-ewwel tgħidli li jiena ngaġġajt il-Capace Limited imma ċ-ċekkijiet kollha f'isimha u mbagħad tagħtini riċevuta ta' Casabene Limited mhux Capace Limited.*
>
> *Dr Jonathan De Maria:*
> *U inti tlabt...inti tlabt għal xi rimedju minflok ippreżentajtha lil planning authority?*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Jiena kelli bżonn riċevuta jiġifieri dak iż-żmien kelli bżonn irċevuta biex napplika għal irrestawra darek...jekk dak kien l-uniku riċevuta li setgħet tagħtini dak li kont se nibqa".*

56. Illi referenza ser issir għall-kontro-eżami tal-intimata Josephine Casabene mogħtija fl-10 ta' Mejju 2023. Illi l-intimata ġiet mistoqsija: (fol 527 et seq- fol 529 et seq)

> *"Dr Carl Grech:*
> *Inti meta xhedt kont għidt illi l-istima oriġinali illi nħarġet lil Dr Grima kienet inħarġet minn Capece?*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Iva.*
>
> *Dr Carl Grech:*
> *Issa ara naqblux ma' dana kollu illi dik l-istima...Peter Grima qatt ma ħallas ebda depożitu jew ebda somma bħala xogħlijiet akkont lil Capece Construction?*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Le żbaljat Dr Grima ġia kont għidtha fix-xhieda tiegħi qabel ma riedx iħallas VAT...il-flus kien jgħaddu lil Capece Construction pero' kien joħroġ ċekk fuq ismi personali...ġa kont għidthielek fix-xhieda...flus kienu jaslu għand Capece Construction...nistgħu ntellgħuh xhud jekk hemm bżonn.*
>
> *Dr Carl Grech:*
> *U ara naqblux illi Capece Construction qatt ma ħarġet irċevuti lilek ta' dawk il-flus li inti allegatament...*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Jiena....ma kinux għalija l-flus.*
>
> *Dr Carl Grech:*
> *Jiġifieri inti kont qed tgħid inti...tirċievi l-flus mingħand Peter Grima, inti tihom lil Capece Construction...*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Eżatt prosit.*
>
> *Dr Carl Grech:*
> *U Capece Construction la toħroġ irċevuta lilek u lanqas lil Peter Grima?*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Ma riedx irċevuta tal-VAT...kif jista' joħroġ irċevuta...ma jridx riċevuta Dottor Grima...ma riedx irċevuta...kien ikun hemm...*
>
> *Il-Qorti:*
> *Allura ħa nifhem ftit...mela kif kien jgħaddihomlok dawn il-pagamenti?*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Ġieli cash ġieli cheque f'ismi personali għax kumpanija ma tistax tiddepożita ċ-ċekk jekk ma tistax tagħti rendikont tiegħu..."*

.............

*Il-Qorti:*
*Ħa nifhem ftit...dan ic-cheque li għandi jiena ta' two thousand five hundred (2500)...dana iġifieri hawn cheque illi inti qed tgħid li għadda lilek biex imbagħad inti tgħaddih lil Capece Limited?*

*Ix-Xhud:*
*Prosit...eżattament that's it.*

*Il-Qorti:*
*U allura Capece Limited ma kienu joħorġu ebda tip ta' riċevuta?*

*Ix-Xhud:*
*Kienu ikun updated il-BOQ...kien ikun updated il-BOQ bil-payments"*

.............

*Dr Carl Grech:*
*U ara naqblux illi anke wara li ġiet issettjata l-kumpanija tiegħek Casabene Limited inti xorta bqajt taċċetta ċ-ċekkijiet f'ismek personali?*

*Ix-Xhud:*
*Nerġa' nirrepeti s-sitwazzjoni ta' Dr Grima li ma jridx iħallas VAT.*

.............

*Il-Qorti:*
*...issa jiena fost iċ-ċekkijiet li għandi esebiti...mela dan huwa a page 57...mela fost iċ-ċekkijiet li għandi esebiti per eżempju għandi ċekk minnhom illi huwa 29.05.2017...qed nagħmel hekk 29.05.2017 lil Josephine Casabene...mela ħa nifhem ftit...daka issa huwa ċekk ieħor li jingħadda lil Capece Limited jew ċekk li mbagħad ingħadda lilek?*

*Ix-Xhud:*
*Dak ingħata lili għal kumpanija però...I was operating at Casabene Limited...imma peress l-istess storja li...*

*Il-Qorti:*
*...jiġifieri inti dħalt fiż-żarbun ta' Capece Limited u bqajt tagħmel ix-xogħlijiet li kellha tagħmel Capece...*

*Ix-Xhud:*
*Prosit.*

*Dr Jonathan De Maria:*
*Pero' bil-kumpanija Sur Imħallef".*

57. Illi fl-ottika ta' dan kollu hawn fuq delinat, il-Qorti tosserva illi minkejja l-fatt illi, meta l-attur u l-intimata Josephine Casabene saru jafu lil xulxin, hija kienet taħdem mal-

kumpanija Capece Construction Ltd u saħansitra l-istimi u fid-dettalji ta' min huwa l-kuntrattur fid-dokumentazzjoni tal-Planning Authority hemm imniżżla Capece Construction Ltd, jirriżulta madanakollu, mill-fatti tal-kawża, illi tul il-perijodu kollu li fih sar ix-xogħol ta' restawr fil-proprjetà tar-rikorrenti, l-intimata Josephine Casabene dejjem kienet il-persuna inkarigata li tieħu ħsieb il-proġett. Dan ma kienx biss għaż-żmien meta hija kienet taħdem ma' Capece Construction Ltd iżda anke wara li telqet u waqqfet il-kumpanija tagħha Casabene Ltd. Infatti joħroġ ċar illi r-rikorrenti kien dejjem jittratta ma' Josephine Casabene. Saħansitra anke fid-dokumentazzjoni sottomessa lil Planning Authority isimha kien ġie mniżżel bħala *"contact person"* u *"site manager"*.

58. Illi l-Qorti tirrileva wkoll u tagħmel referenza għaċ-ċekkijiet illi ġew maħruġa mill-attur lill-intimata Josephine Casabene f'isimha, kemm fiż-żmien meta hija kienet għadha taħdem mas-soċjetà Capece Construction Ltd kif ukoll fiż-żmien meta hija kienet diġà waqqfet il-kumpanija tagħha Casabene Ltd, liema ċekkijiet kienu ġew eżebiti a fol 63-68. Illi fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami, l-istess rikorrenti jispjega illi:

> "*Josephine Casabene kienet qed taħdem ma' Capace Limited dik kont nafha...imma Josephine kienet qaltli dak iż-żmien li hi ma riditx tibqa' taħdem miegħu...dak kien l-eks boyfriend tagħha u riedet tiftaħ għal rasha.* ***Allura jiena kont l-ewwel proġett tagħha personali****...*[2]*fil-fatt iċ-ċekkijiet kollha inħarġu f'isimha...avolja hi kienet qiegħda taħdem qisu taħt in-nom ta' Casabene Limited...*".

59. Illi din il-kwistjoni taċ-ċekkijiet ġiet ukoll imressqa u fuqha saru diversi domandi lill-intimata Josephine Casabene fil-kontro-eżami tagħha. Illi hija tispjega illi dawk iċ-ċekkijiet inħarġu f'isimha minħabba li l-attur ma riedx iħallas VAT iżda hija kienet tgħaddi l-ħlas lil Capece Construction Ltd u Casabene Ltd. Madanakollu, l-Qorti tirrileva illi mill-atti dak li jirriżulta huma ċekkijiet maħruġa mir-rikorrenti lill-intimata Josephine Casabene f'isimha. Illi fil-kontro-eżami tagħha hija tgħid:

> "*Le żbaljat Dr Grima ġia kont għidtha fix-xhieda tiegħi qabel ma riedx iħallas VAT...il-flus kien jgħaddu lil Capece Construction pero' kien joħroġ ċekk fuq ismi personali...ġa kont għidthielek fix-xhieda...* ***flus kienu jaslu għand Capece Construction...nistgħu ntellgħuh xhud jekk hemm bżonn***[3]*",*

60. Madanakollu, minkejja tali dikjarazzjoni, fl-ebda mument tal-kawża ma ngabu provi illi l-pagamenti li jsiru f'isimha kienu jingħaddew lil Capece Construction Ltd. In oltre, l-Qorti tagħmel referenza għal fatt illi meta l-intimata ġiet mistoqsija jekk Capece Limited kinitx toħroġ xi tip ta' riċevuta hija spjegat illi: "*Kienu ikun updated il-BOQ...kien ikun updated il-BOQ bil-payments*". Madanakollu, l-Qorti tosserva illi ma ġie eżebit ebda dokument li juri dan. Illi b'hekk quddiem il-Qorti ġew ippreżentati sensiela ta' ċekkijiet intestati lill-intimata Josephine Casabene mingħajr ma ngabet prova ċara li kien ħlas destinat lill-ħaddieħor.

61. Għalhekk, abbażi ta' tali konsiderazzjonijiet, il-Qorti tgħaddi sabiex tirrispinġi u tiċħad it-tielet eċċezzjoni mressqa rigward il-leġittimita' tal-intimata Josephine Casabene.

---

[2] Enfażi u sottolinear ta' din il-Qorti
[3] Enfażi u sottolinear ta' din il-Qorti

**L-eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati rigward il-preskrizzjoni**

62. L-intimati, fl-eċċezzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-preskrizzjoni, jeċċepixxu illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija preskritta ai termini tal-Artikolu 1407 u l-Artikolu 1431 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

63. F'dan ir-rigward il-Qorti ser tgħaddi sabiex tirriproduċi t-test ta' dawn iż-żewġ Artikolu hekk kwotati.

64. Illi l-**Artikolu 1407** tal-Kap 16 jipprovdi s-segwenti:

> *(1) L-azzjoni li tmiss lill-bejjiegħ għaż-żjieda tal-prezz, u dik li tmiss lix-xerrej għat-tnaqqis tal-prezz jew biex jerġa' lura mill-kuntratt, tintilef egħluq sentejn minn dak in-nhar tal-kuntratt.*
>
> *(2) Dan iż-żmien tal-preskrizzjoni jimxi kontra l-assenti, l-interdetti, in-nisa miżżewġa u l-minuri, kemm-il darba l-jedd ta'dawn il-persuni jkun ġej minn bejjiegħ jew xerrej li kontra tiegħu l-mixi taż-żmien tal-preskrizzjoni ma jiġix sospiż.*

65. Illi l-**Artikolu 1431** tal-Kap 16 li jipprovdi kif ġej:

> *(1) L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqgħu bil-preskrizzjoni, għal dawk li huma immobbli, bl-egħluq ta' sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u, għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli, bl-egħluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa.*
>
> *(2) Iżda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-ħaġa, iż-żminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx jgħaddu ħlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett.*
>
> *(3) Iż-żminijiet tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmija jimxu kif jingħad fl-artikolu 1407(2).*

66. Il-Qorti tirrileva illi, hekk kif jidher mill-kawżali kif ukoll mit-talbiet promossi mir-rikorrenti fir-rikors promutur tiegħu, jidher illi l-kawża hija waħda għad-danni bbażata fuq il-fatt li l-intimati ma eżegwewx l-appalt mogħti lilhom skond is-sengħa u l-arti.

67. Fuq dan il-punt il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel referenza għas-sentenza in parte mogħtija fl-ismijiet ***Victor Portelli vs Mark Psaila*** deċiża fid-29 ta' Mejju 2003[4] fejn il-Qorti esprimiet:

> *"Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti legali tal-eċċezzjoni taħt eżami, jibda biex jingħad li f'kull każ li tittella' eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, huwa meħtieġ li fl-ewwel xogħol jiġi determinat minn mindu l-preskrizzjoni tal-azzjoni għandha tibda titqies . Huwa dmir tal-Qorti li tqis dan il-fatt kruċjali, għaliex meta tali data mill-provi mressqa ma tistax titqies, il-Qorti trid awtomatikament tiċħad l-eċċezzjoni......* ***<u>Illi ngħad ukoll li ż-żmien tal-</u>***

[4] Sentenza deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bin-numru 1967/2000.

***preskrizzjoni jrid jitqies b'riferenza għall-azzjoni kif imfassal***[5]*. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, huwa l-attur innifsu li jsejjes l-azzjoni tiegħu fuq l-eżistenza tal-kuntratt tal-appalt, u għalhekk jingħad li l-preskrizzjoni eċċepita mill-imħarrek taħt l-artikolu 2148(a) għandha tiġi mistħarrġa fid-dawl tal-azzjoni kif mibnija".*

68. Illi similarment fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Joseph Borg vs Nobbli Maria Testaferrata Bonici*** deċiża fl-24 ta' Marzu 1958 mill-Qorti tal-Appell Ċivili, il-Qorti provdiet illi:

    *"huwa ċar mill-ewwel illi dan il-preskrizzjoni mhijiex applikabbli għall-azzjoni kif eżerċitata mill-attur....għall-finijiet ta' din l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenuta, li quddiem din il-Qorti nsistiet li tiġi deċiża preliminarment,* ***wieħed għandu jħares, biex jiddeċiedi liema hija l-preskrizzjoni applikabbli, lejn id-domanda kif dedotta fiċ-ċitazzjoni***[6]*".*

69. Illi l-Qorti tosserva illi l-Artikoli invokati mill-intimati fl-eċċezzjonijiet tagħhom ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-kawża kif proposta mill-attur stante illi huma artikoli konsoni għall-azzjoni ta' kwalità pattwita u difetti latenti. Illi kif diġa' ngħad aktar 'il fuq, l-azzjoni tar-rikorrenti hija waħda għal danni minħabba li skontu l-intimati ma eżegwewx l-appalt skont is-sengħa u l-arti.

70. Illi b'hekk il-Qorti, anke fl-ottika tal-ġurisprudenza kwotata, sejra tgħaddi sabiex tirrispinġi l-eċċezzjonijiet numru ħdax u tnax.

**Meritu tal-Każ**

71. Kif jidher mill-assjem tat-talbiet tar-rikorrenti, il-Qorti qiegħda tintalab tiddikjara illi l-intimati ma eżegwewx l-appalt mogħti lilhom skond is-sengħa u l-arti u li b'hekk huma għandhom jiġu dikjarati u konsegwentament ikkundannati għall-ħlas ta' danni inkluż telf ta' profitt.

72. Illi kif jirriżulta mill-fatti u mill-provi prodotti, l-ilment tar-rikorrenti huwa ppernjat fuq il-fatt illi x-xogħol li sar mill-intimati mhux skond is-sengħa u l-arti jikkonsisti u għandu x'jaqsam max-xogħol illi sar fit-travi kif ukoll max-xogħol illi sar fil-gallarija, senjatament, fiż-żebgħa tal-gallarija.

73. Jirriżulta ben ippruvat illi l-attur huwa proprjetarju ta' fond ġewwa Bormla, f'liema fond kien hemm bżonn xogħol ta' restawr kemm min-naħa ta' ġewwa kif ukoll min-naħa ta' barra. Illi b'hekk ir-rikorrenti għamel kuntatt mal-intimata Josephine Casabene, ġew skambjati xi stimi bejniethom li fuqhom kien hemm qbil u beda x-xogħol.

74. Jirriżulta wkoll illi skont l-istimi sottomessi (Dok 2 fol 58-61 u Dok JC4 fol 247-248), barra xogħlijiet oħra, kellu jsir restawr tal-gallarija tal-injam kif ukoll *"strip down timber beams and repaint".* Illi b'hekk, oriġinarjament fl-appalt mogħti ma kienx hemm xogħol ta' tibdil ta' travi.

[5] Enfażi u sottolinear ta' din il-Qorti
[6] Enfażi u sottolinear ta' din il-Qorti

75. Il-Qorti, ser tibda sabiex l-ewwel tistħarreġ dwar l-ilment tar-rikorrenti rigward ix-xogħol ħażin illi sar fit-travi.

**TRAVI**

76. Illi, mill-fatti u mill-provi prodotti, jidher illi, huma u għaddejjin bix-xogħol, il-ħaddiema ndunaw illi t-travi tal-injam li kien hemm diġa' fil-proprjetà kellhom xi ħsarat u għarrfu b'dan kollu lill-intimata Josephine Casabene. Għalhekk l-intimata Josephine Casabene, l-ewwel ippruvat tikkuntattja lill-Perit Peter Valentino u wara illi ma rrispondix, għamlet kuntatt mar-rikorrenti sabiex tgħarrfu b'dan. L-intimata Josephine Casabene dan kollu tispjegah fix-xhieda tagħha (fol 222), kif ukoll permezz tad-dokument eżebit JC5 (fol 249).

77. Illi l-Perit tar-rikorrenti, il-Perit Peter Valentino mar jeżamina dawn it-travi u ħejja rapport (Dok 4 fol 69-70) fejn huwa osserva illi:

> *"During renovation works, where we opted to scrape down the wooden beams and stone labs to carry out a full and proper renovation, it transpired that the majority of beams on the first floor level are in poor structural condition. This only became evident once mechanical means were used to remove the surface finishes. It seems that this is due to rot (possibly due to extended periods of previous water ingress from the level above) and insect attack".*

Huwa b'hekk ikkonkluda illi:

> *"The level of rot/decay is to the extent that it is being advised that these are in dangerous condition and need to be replaced. It is clear that this rot happened prior to the purchase of the property by my client, and in the opinion of the undersigned, is to be considered as a latent defect".*

78. Fl-istess rapport, il-Perit isemmi li b'kollox kien hemm tnax -il travu.

79. Illi billi ġie konkluż illi dawn it-travi kellhom jinbidlu, hemmhekk seħħ l-involviment tal-intimati fit-tibdil tat-travi. Fix-xhieda tiegħu r-rikorrenti jispjega s-segwenti: (fol 46).

> *"Wara...wara dak ir-rapport emm...is-Sinjura Casabene kienet ingaġġata biex tagħmel ix-xogħol neċessarju fuq il...biex tbiddel it-travi bażikament. Kellha tixtri t-travi l-ġodda...emm...tneħħi t-travi l-qodma u tinstalla t-travi l-ġodda. Emm...dak iż-żmien, hi biss kienet qed tieħu emm...deċiżjonijiet fuq it-tip ta' travi illi kellhom jintużaw u emm...it-tip ta' xogħol li kellha tagħmel biex tirrimedja s-sitwazzjoni emm...u x-xogħol beda...bdiet twaħħal it-travi f'April u spiċċat f'dak ix-xahar stess."*

Illi huwa jsostni wkoll illi l-Perit Valentino ma kellux involviment max-xogħol tat-tibdil tat-travi: (fol 46-47).

> *"Involvement tal-Perit Valentino…jiena qabbadtu propjament biex jagħmilli disinn tal-proprjetà u mbagħad kien…qabbadtu biex jagħmel rapport fuq id-*

*difett latent…hu ma kellu xejn x'jaqsam tul ix-xogħlijiet tar-rimedju li kienet tagħmel Josephine Casabene."*

80. Illi dan jikkonfermah l-istess Perit Peter Valentino fix-xhieda tiegħu fejn huwa jgħid: (fol 181)

*"Dr Carl Grech:*
*Sewwa. Issa mela…wara li sar dan ix-xogħol...emm...ix-xogħol sar meta inti sibt li dawn il-beams kellhom bżonn replacement. U x'ġara minn hemm hekk?*

*Ix-Xhud:*
*Emm...my involvement stopped at that report. After which the beams were replaced by Miss Casabene emm...some time after that emm...*

*Dr Carl Grech:*
*The beams were replaced by Miss Casabene...were you involved at that point, while the beams were being replaced?*

*Ix-Xhud:*
*I did not specify the specifications for the beams".*

81. Il-Qorti tosserva illi, mill-provi prodotti, jidher illi hemm qbil u mhux ikkontestat li x-xogħol tat-tibdil tat-travi ttieħed f'idejn l-intimati. Infatti fix-xhieda tagħha, l-intimata Josephine Casabene tistqarr illi nbiddlu t-travi tas-sular sħiħ, ossia taż-żewġ *bedrooms* u tal-*living/dining/kitchen* u b'hekk b'kollox kienu nbiddlu tnax -il (12) travu (fol 224). In oltre hija tispjega: (fol 224-225)

*"Ix-Xhud:*
*...ovvjament il-klijent...ġustament kien allarmat u kellu raġun għax dawn it-travi gravi kienu meta qlajnihom iġifieri l-irjus tagħhom daqshekk saru fuq span ta' ħames (5) metri. They were going to fail...fid-9 ta' March li huwa l-għada tal-iskoperta, jiena tajtu prezz ta' ħames mitt (500) euro għal kull travu.*

*Il-Qorti:*
*Iġifieri biex tbiddilhom?*

*Ix-Xhud:*
*Iva. Sa dan it-tant qegħdin niddiskutu l-options u konna qed niddiskutu wkoll l-option ta' laminated beams li kont issuġġerejtha lil Perit Valentino għax il-Perit Valentino qalli x'se ngħamlu u kif ħa naħdmu u kien hemm choice, niftakar kienet ta'...kien issuġġerixxa jew travi tal-ħadid jew travi tal-injam. Il-klijent kellu preferenza biex iżomm l-estetika għal travi tal-injam, u bħala travi tal-injam fis-suq hawn jew is-solid timber jew dawk li huma msejjħin gluelam...laminated timber li huwa engineered timber.*

*Il-Qorti:*
*Ok.*

*Ix-Xhud:*

*Emm...naqra iktar għoli biex tixtrieħ bħala prodott. U jiena kont qed nistenna. Sa dan it-tant, ftit jiem wara kien qalli no go ahead...go ahead u għidtlu all right....għidtlu ħa nara kif nibda naqdik minn Monday".*

82. Jirriżulta wkoll, mill-fatti u mill-provi prodotti illi r-rikorrenti għamel *claim* rigward dawn it-travi mal-proprejtarju ta' qabel, u ċioè mal-Bank of Valletta fejn huwa bbaża l-*claim* tiegħu fuq *latent defect* (Dok JC8 fol 252-259).

83. Jirriżulta, illi l-intimati bdew u lestew ix-xogħlijiet fit-travi li kellhom jiġu mibdula, ossia t-travi l-ġodda, f'April 2017 u ftit taż-żmien wara seħħ dak li qed jilmenta fuqu r-rikorrenti f'din il-kawża. Fix-xhieda tiegħu r-rikorrenti jgħid: (fol 47-48).

> *"kif għidna tlestew ix-xogħlijiet f'April tal-2017. Ftit xhur wara innutajt xquq kbar fit-travi u kont ċempilt lis-Sinjura Casabene l-ewwel biex tiġi tara jekk hemmx problema bit-travi li waħħlet u hija qaltli li dawn huma…dan huwa movement normali u mhux ta' inkwiet. Issa jiena, minkejja din il-konferma tas-Sinjura Casabene, xorta ċempilt lil Perit Valentino biex jiġi jarahom u jispezzjonahom hu u l-ewwel ħaġa li qalli emm…nagħtih dak li jgħidulu certificate of loading ħalli hu jkun jista' jara jekk dawk it-travi jifilħux il-piż. Jiena avviċinajt lis-Sinjura Casabene u staqsejtha għal dan ic-certificate of loading u donnha ma kenitx taf x'inhu certificate of loading u spjegajtilha dak li staqsieni l-perit u wara ftit ġimgħat ġiet lura b'ċertifikat mill-fornituri sempliċement jgħid li the beams are good for construction."*

Dan iċ-ċertifikat ġie eżebit bħala Dok E fol 38, kif ukoll bħala Dok 8 fol 80. Ir-rikorrenti jkompli jispjega:

> *"Jiena tajtha lil Perit ovvjament u l-Perit qalli li dan ma kienx aċċettabli għax ma stajniex inkunu nafu l-kapaċità ta' tagħbija massima ta' dawn it-travi, allura qalli li l-aktar ħaġa li nistgħu nagħmlu f'dan il-perjodu huwa li nimmoniterjaw it-travi u naraw jekk ikun hemm aktar movement. Emm…u dak li għamilna…stennejtna ftit xhur"* (fol 48).

84. Illi dan jikkonfermah ukoll l-istess Perit Peter Valentino fix-xhieda tiegħu*:* (fol 181).

> *"I inspected them and I confirmed that they are sagging and I recommended that we wait some more time to see if they sag more…which we did…we left a few more months pass by emm …"*

85. Illi mill-fatti u mill-provi prodotti, jidher illi baqa' jkun hemm *movement* fit-travi u b'hekk fuq parir tal-Perit Valentino ġie ngaġġat espert fit-travi s-Sur Joseph Aquilina. Illi dan f'Mejju 2018 ħejja rapport, liema rapport jinsab eżebit bħala Dok 9 fol 81. Illi fil-konklużjonijiet hemm miktub: (paġna 4-6 tar-rapport fol 83-84).

> *"We suspect that the premises have suffered structural damage due to water penetration and overload material on the ceiling. This is sustained due to the fact that, all beams were replaced assuming to the same size of the cross section. It is to be noted that some beams show sign of deflection and fresh heart checks were also observed. Furthermore, the beams could not be inspected for knots since they are painted".*

Barra minn hekk ġie konkluż ukoll:

> "*From the inspections carried out it resulted that 2 beams are in good condition (Grade 70) and need some maintenance. 3 others beams have some deterioration (Grade 60) but have not reached critical level, and require maintenance and repairs. Other 3 beams have major deterioration and needs immediate attention (Grade 40). Furthermore, the remaining 2 beams are failure with severe decay and severe displacement at the ends and may make the place unsafe (Grade 20).*"

Illi l-istess espert ikkonkluda illi :

> *"From the investigation carried out it was found that the beams with their actual dimensions had excessive loading on them from the calculation of the thickness assumed on site."*

u ssuġerixxa *:*

> *"that the loading is made lighter."*

kif ukoll *:*

> *"that firstly, most of the torba is removed except for approximately of 1½ inches. However, since the existing torba is not fine, it is also recommended that the torba to be laid over the stone slabs is sieved in order to have it as fine as possible with no large stones. Then, put a layer of polystyrene sheets of approximate - inches depth over the torba layer in order to get the required depts but reducing the load. Above this layer, it is also being recommended that a light weight screed of approximately 3 inches is applied in order to have a level surface. In such a way, the loading over the timber beams will be reduced drastically and the existing timber beams can be retained and restored."*

86. Jirriżulta wkoll illi imbagħad ġiet ingaġġata l-Perit Amanda De Giovanni sabiex tagħmel ispezzjoni u tevalwa u tinterpreta r-rapport tas-Sur Aquilina. Il-Perit De Giovanni imbagħad ħejjiet ir-rapport tagħha datat 4 ta' Settembru 2018, eżebiet bħala Dok A fol 20 u bħala Dok 10 fol 96. Illi fir-rapport tagħha hija kkonkludiet illi:

> "*All the exisiting beams have been recently replaced. Unfortunately on the local market all the solid timber beams are not graded and most of it is not really structural timber because of the excessive defects present within the beams.*"

Hija kkonkludiet ukoll:

> *"Calculations were carried out above and with the existing loadings, the bending capacity of the beams is being exceeded and thus this makes the beams undersized. From the calculation of the loadings and also since the timber beams are not of very good quality it is being suggested that the torba*

*layer is reduced drastically. This can be done by either completely reducing it to not more than 10cms, or else if the level of the existing layer is important, some of the torba layer can be replaced by polystyrene layers and also by lightweight concrete. This would drastically reduce load and thus help in keeping within the bending capacity of the existing beams".*

87. Jirriżulta illi hija nnutat ukoll li ċertu travi, speċjalment tal-kitchen area kellhom difetti serji u għalhekk kien hemm bżonn li jsir ċertu tip ta' intervent fuqhom- liema Perit tat tlett (3) opzjonijiet ta' interventi li setgħu jsiru. Jekk wieħed jara s-*"Summary"* li l-Perit De Giovanni tagħti fl-aħħar paġna tar-rapport tagħha, hija tispjega x'intervent jista' jkun hemm fuq it-travi li jinsabu *"first room"* u cioe' li t-travi jistgħu jinżammu jekk jitnaqqas il-piż ta' fuqhom ħlief għat-travu B2 li xorta jirrikjedi li jiġi rinforzat *"by structural adhesives and rods in order to close off the excessive check present".* Għal dawk it-travi fl-area tal-kċina hija tagħti tlett opzjonijiet stante li huma ta' kwalità inferjuri b'difetti serji u tissuġerixxi:

*"1st option: to reduce weight from above and reinforce the existing beams with structural adhesives and rods; 2nd option: replace the existing beams with laminated timber beams; 3rd option: retain beams without intervening upon except for 2 beams but creating a reinforced concrete roof above leaving the beams as a false ceiling".*

88. Jirriżulta illi bejn il-partijiet kien hemm diversi skambju ta' *emails* dwar kif ser jipproċedu u biex jiġi maqbul bejniethom liema opzjoni ser imorru għaliha sabiex isiru x-xogħlijiet rimedjali (Dok 12 fol 126-147).

89. Jirriżulta, illi x-xogħlijiet rimedjali saru iżda saru minn terzi u mhux mill-intimati. Dan jikkonfermah il-Perit Peter Valentino fix-xhieda tiegħu fejn jgħid:

*"Dr Carl Grech:*
*All right. Iġifieri r-remedial works ma sarux minnha?*

*Ix-Xhud:*
*No remedial works were done by another contractor. And we felt that it was very important to do the remedial works as soon as possible because the beams were in poor condition and considered to be dangerous"* (fol 184).

90. Il-Qorti tosserva illi meta ġie skopert illi kien hemm problema fit-travi oriġinali u b'hekk kien ser jibda x-xogħol sabiex isiru t-travi l-ġodda, kellhom isiru diversi xogħlijiet. Dan joħroġ ċar mill-*email* mibgħutha mir-rikorrenti lil Bank of Valletta datata 17 ta' Marzu 2017 (fol 255-259 u fol 361-362) kif ukoll mix-xhieda tar-rikorrenti fejn jgħid: (fol 46).

*"Mela...avolja l-Perit ma kienx qed jagħti l-ebda parir fuq il-mod ta' xogħol ta' rimedjar, xorta ta' parir lis-Sinjura Casabene li tneħħi l-ħajt li jagħti għal fuq it-terrazzin...emm... tat-tieni sular....il-ħajt tal-ġebel ħalli nneħħu l-piż minn fuq it-travetti emm...li kienu qed jipproppjaw....mhux travetti...proprjament kien hemm props taħt li jipproppjaw is-sular waqt li qed nagħmlu xogħol ta' tibdil."*

91. Illi in oltre, hekk kif jidher minn korrispondenza oħra mibgħutha mir-rikorrenti lil Bank of Valletta, datata 20 ta' April 2017 fol 252-254 u fol 359-360, waqt ix-xogħlijiet kellhom isiru diversi interventi oħra, tant illi dawn kienu ġew sinjalati mir-rikorrenti f'din il-korrispondenza u li minħabba fihom l-istess rikorrenti talab kumpens ogħla mingħand il-Bank. Illi dan tispjegah ukoll l-intimata waqt ix-xhieda tagħha: (fol 226).

> *"Fuq it-terrazzin kien hemm żewġ pilastri u tlett aperturi li huma...għandi r-ritratt emm...tagħhom..li huma dawn...u hawn hekk qed jiżżarmaw għax kont għidt lil Perit Valentino u għidtlu isma' aħna hawn ma nafux x'hawn u x'ma hawnx. Għidtlu dawn il-pilastri jekk ħa naħdmu rridu...il-klijent ma ried bl-ebda mod jaqla' l-madum ta' fuq. Ma riedx jaqla' l-finishes xejn fuq. Iġifieri aħna t-travi minn taħt kellhom jinbidlu. Però peress li kien hemm dan il-piż żejjed li ma konniex ċerti x'hemm taħtu, jien kont infurmajt lil Perit Valentino u għidtlu hawn hekk flok bit-travetti, aħjar pilastri jinqalgħu..."*

92. L-istess intimata tgħaddi sabiex tispjega wkoll illi saret *"inspection hole"* u li kien ġie skopert illi l-konkos ma kienx rinforzat, illi kien hemm konkos bla xibka (fol 226-227, fol 261 et seq -264).

93. Il-Qorti tosserva illi, a differenza ta' dak rikjest u mitlub mir-rikorrent, illi l-intimati ma jistgħux jiġu misjuba responsabbli għal dawk il-problemi li kien hemm fil-proprjetà u li bdew jiġu skoperti man mano li beda jsir ix-xogħol tat-tibdil tat-travi għaliex hekk kif jidher mill-fatti u mill-provi prodotti dawn kienu problem li kienu diġà' hemm fil-proprjetà u li bl-ebda mod ma ġew ikkawżati jew kienu riżultat ta' xi xogħol ħażin da parti mill-intimati. Dan jidher b'mod inekwivokabbli mill-istess email hawn fuq imsemmija, li r-rikorrenti bagħat lill-Bank of Valletta datata 20 ta' April 2017 fejn huwa stess irrileva li kien hemm dawk il-problemi u nuqqasijiet.

94. Il-Qorti tosserva illi meta r-rikorrenti għamel kuntatt mal-intimata Josephine Casabene sabiex taħdem fuq ir-restawr tal-proprjetà tiegħu, ma kienx viżjonat illi ser isir tibdil tat-travi stante illi dan qatt ma kien parti mix-xogħol li kellu jitwettaq (dan joħroġ mill-istess stimi ppreżentati in atti). Madanakollu, mill-provi u mill-fatti, jirriżulta illi meta ġie skopert illi t-travi oriġinali kellhom il-ħsara u b'hekk kellhom jinbiddlu, l-intimata Josephine Casabene nkarigat ruħha illi tagħmel dan ix-xogħol.

95. Jidher ċar illi dan l-inkarigu kien, mhux biss responsabbilità tagħha, iżda anke tas-soċjetà intimata stante illi, f'dak iż-żmien, kienet ġiet ikkostitwita Casabene Ltd u kienet ħadet il-proġett minn Capece Construction Ltd, u dan jidher ċar mill-irċevuta fiskali maħruġa mill-kumpanija Casabene Ltd lill-attur, liema irċevuta tidher eżebita bħala Dok JCA1 fol 441-442 kif ukoll fol 424.

96. Dan kollu joħroġ ċar mix-xhieda hawn fuq riportata kif ukoll mill-kontro-eżami tal-Perit Peter Valentino fejn huwa jgħid: (fol 499)

> *"...All I can tell you is that I was not engaged to submit an application and I was not engaged to provide structural information for replacement of the beams. And Josephine acted on her own".*

97. Ikkunsidrat dan, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tosserva jekk dak ilmentat minnu mir-rikorrenti, ossia, illi l-intimati ma eżegwewx l-appalt skont is-sengħa u l-arti isibx

riskontru mill-provi u mill-fatti tal-każ. L-ewwel u qabel kollox, il-Qorti tosserva illi allavolja l-kawżali u t-talbiet promossi fir-rikors promutur huma miktuba b'mod pjuttost miftuħ u ġeneriku fil-verità l-ilment rikorrenti huwa rigward ix-xogħol tat-travi l-ġodda u rigward ix-xogħol fil-gallarija tal-injam.

98. Il-Qorti tirrileva illi l-pern tal-kwistjoni tal-ilment fuq it-travi l-ġodda tinsab iċċentrata fuq il-fatt illi t-travi mixtrija u mqiegħda mill-intimata Josephine Casabene la kienu ta' kwalità tajba u lanqas kienu adatti għal piż li kellhom jifilħu. Fix-xhieda tiegħu r-rikorrenti jagħmel referenza għaż-żewġ rapporti (dak redatt mis-Sur Aquilina u dak redatt mill-Perit De Giovanni) u jsostni illi:

> *"Wara li kelli żewġ rapport li jgħidu l-istess ħaġa, li t-travi ma kellhomx biżżejjed saħħa, jiena stennejt li s-Sinjura Casabene kellha tagħmel emm... u tagħmel xogħol ta' rimedju a spejjeż tagħha"* (fol 49)

u li l-intimata:

> *"bdiet takkuża lil kulħadd barra lilha nfisha emm...l-aktar fuq il-fornituri, staqsietni fil-fatt biex immexxi kontrihom u mhux kontriha u kelli ngħidilha li jiena ma kelli ebda relazzjoni legali tal-Cortis"* (fol 51).

99. Illi fix-xhieda tiegħu l-Perit Valentino jispjega x'kienet il-problema bit-travi l-ġodda u jgħid illi:

> *"Well...a number of beams...we saw that the beams failed...a number of them, as you could see in the report were let's say...borderline and a number of others had already failed and required to be replaced"* (fol 182).

Illi fl-istess xhieda huwa jkompli jgħid:

> *"I think that Perit De Giovanni and Joe will confirm that the beams which were installed are not considered as structural timber...we received a ...when we noticed that there were problems we asked Miss Casabene to produce a certificate and the certificate in my opinion is not a valid certificate"* (fol 187).

100. Illi meta mistoqsi in kontro-eżami l-Perit Peter Valentino, isostni illi huwa ma kienx involut fit-tibdil tat-travi u jispjega:

> *"I was not engaged to do that. In fact, you will not find any structural drawings or specifications for the beams from myself to Josephine or to Peter Grima. Josephine continued working without structural specifications"* (fol 498).

Huwa jkompli jżid illi:

> *"the problem is that your client went ahead and bought large serratizzi...she did not buy beams but she went and bought large serratizzi, which unfortunately shows her incompetence in the matter"* (fol 499 et seq).

101. Jirriżulta, mir-rapport tas-Sur Aquilina, li jidher illi huwa ispezzjona u għamel analiżi ta' għaxar t'itravi, li huwa kkonkluda illi tnejn minnhom kienu tajbin, tlieta minnhom kienu *"bad"*, tlieta oħra kienu *"critical (needs immediate repair)"* u t-tnejn l-oħra kienu *"unsafe"*. Jirriżulta ukoll, kemm mir-rapport kif ukoll mix-xhieda tiegħu, illi kien jidher illi t-travi installati ma kienux jifilħu l-*load* li kellhom. Fix-xhieda tiegħu huwa jispjega li hija mandatorja illi t-travi jkollhom ċertifikat li juri li huma *structural*. Huwa jżied jgħid ukoll illi

> *"huma bħala travi għalkemm ma għandhomx ċertifikat, jiena qatt ma għidt li t-travi huma ħżiena. Qed ngħid li l-load li għandhom ma humiex kapaċi jifilħuhom. Kull ma sibt, ġiex t'itravi li sibtilhom weakness ma niftakarx in-number liema huma però qegħdin gradejati bħala 20"* (fol 192).

102. Meta mistoqsi dwar iċ-ċertifikat illi l-intimata fornit u li jinsab fol 38 u fol 80, is-Sur Aquilina stqarr illi dik kienet biss *"biċċa karta"* u ma setgħetx titqies bħala ċertifikazzjoni (fol 197).

103. Jirriżulta illi, mir-rapport tal-Perit Amanda De Giovanni, jidher illi għat-travi li jinsabu skont kif indikat fl-istess rapport fil-*"first room"* setgħu jinżammu jekk jitnaqqas il-piż li hemm fuqhom (ħlief għal wieħed inidkat bħala B2 li xorta kellu bżonn jiġi rinfurzat). Illi fir-rigward dawk it-travi tal-kċina, skont l-istess rapport:

> *"all the beams are of inferior quality with serious defects and thus all have to be intervened upon"*.

In oltre, fix-xhieda tagħha hija tispjega illi:

> "*dawn kienu travi li kienu għadhom kif ġew mibdula…kienu inbidlu emm…skont il-qies li kien instab fil-post…iġifieri jekk instabu 20 by 30 dawn biddluhom fi 20 by 30…però emm…ħadd ma ċċertifika xi kwalità ta' njam kien qed jintuża. Emm….minn naħa ta' emm… findings iġifieri ħabba cracks etc…li għamilt jiena kien dawk identifikaw x'ammont ta' torba u…u emm…materjal ieħor li kien hemm fuqhom…stajt noħroġ x'ammont ta' piż kien hemm fuq is-saqaf u mbagħad skont id-difetti li nstabu fit-travi stajt nevalwa li l-maġġoranza tagħhom ma kinux jifilħu l-piżijiet li kien hemm. U ħafna mill-cracks li kienu ħerġin kienu propju minħabba one…difetti in built diġa' ġot-travi per se, u anke li ma kinux kapaċi…iġifieri s-size u s-section size li kien hemm ma kenitx kapaċi tieħu l-load li kien hemm"* (fol 201).

104. Meta l-Perit De Giovanni ġiet mistoqsija in kontro-eżami jekk it-travi kinux ifallu kieku ma kienx hemm dan il-livell straodinarjo ta' torba, l-Perit irrispondiet:

> *"kieku ma kinex hemm dawk, hemm minnhom li kienu ħa jfallu xorta għax il-cracks kif kienu kienu b'tali mod u manjiera li setgħu ifallu, però kien hemm oħrajn li le, jekk tneħħilhom il-loading li kellhom aw eżistenti fuqhom, kienu kapaċi jifilħu il-loading normali* (fol 278).

105. Hija żżid ukoll illi ħafna mill-cracks li kien hemm kien minħabba l-fatt illi t-travi kienu ħżiena (fol 278). Fix-xhieda tagħha in kontro-eżami l-Perit De Giovanni tispjega:

*"Il-cracks, iktar ma huma linejari, inqas ħa jaffettwaw is-saħħa tat-travu. Iktar ma huma dijagonali, angolati, meta jkunu within the middle third, ma jkunux daqshekk gravi. Meta jibdew neżlin ħafna l-isfel, iva huma ta' periklu, iġifieri anke bi ftit loading, dan kapaċi jitlaq u sfortunatament ħafna mit-travi li jiġu lokalment huma da tat-tip sfortunatament"* (fol 278 et seq).

106. Il-Qorti hawnhekk tosserva illi l-intimata Josephine Casabene, tul il-kawża, dejjem saħqet illi l-Perit Peter Valentino kien il-Perit tal-proġett u li hija dejjem kellha komunikazzjoni miegħu. Illi fix-xhieda tagħha hija ssostni illi:

*"Issa li xtaqt insemmi li l-ewwel ġurnata li bdejna x-xogħol aħna, Dr Grima kien qalli biex inkellem lil Perit Valentino…dana fl-10 ta' April as such…it wasn't the first time. Qatt ma kelli impressjoni li l-Perit Valentino ma kienx il-perit inkarigat jien tal-proġett. If you need Peter to check in or advise on anything from him, please give him a call. Ovvjament waqt ix-xogħlijiet jien komplejt nitkellem ma' Peter Valentino"* (fol 261 et seq).

107. Illi l-istess intimata Josephine Casabene tgħid illi l-Perit Valentino qatt ma kien talabha għall-*specifications* u li assiguraha li setgħet tkompli bix-xogħol (fol 263 et seq). Dwar iċ-ċertifikazzjoni tat-travi, hija tispjega wkoll illi:

*"nobody sells certified timber beams. L-ebda ħadd f' Malta ma jbiegħ travu certified li huwa graded. It is not available on the market"* (fol 265).

L-intimata fix-xhieda tagħha tkompli tispjega illi:

*"...jekk taqra r-report ta' Amanda De Giovanni speċifikament tirreferilek għal loading. Il-loading li kont ili nirreferi għalih però li l-Perit Valentino injoraha l-loading esaġerat li kien hemm. Issa jekk il-Perit Valentino li huwa l-perit ikkonfortani li jiena nista' nipproċedi...nibqgħu għaddejjin bl-istess prodott mingħajr jispezzjoni dak iż-żmien, naħseb illi...*(fol 265 et seq).

108. Illi referenza ser ssir għax-xhieda in kontro-eżami tal-intimata. (fol 530-531)

*"Dr Carl Grech:*
*Issa emm...ara naqblux illi inti...meta inti ngħatajt l-istruzzjonijiet biex tbiddel dan is-saqaf, inti kont iddeċidejt inti xi travi kien hemm bżonn illi jiġu akkwistati biex jirrimpjazzaw it-travi li kien hemm?*

*Ix-Xhud:*
*Assolutament le...ma ddeċidejtx jiena. Mela l-ewwel ħaġa jiena allertajt lill-Perit Valentino bil-problema ta' travi.*

*Dr Carl Grech:*
*But that was before.*

*Ix-Xhud:*
*Mela jekk tippermettili nirrispondik id-domanda...mela l-għażla ta' travi kien hemm il-Perit Valentino involut fiha wkoll. Jiena issuġerejt...għamilt*

*suggestion ta' x'hawn fuq is-suq. Ippreferiti laminated timber beams għax huma l-aħjar però minħabba constraints ta' flus Dr Grima għażel li jmir għal travi normali. Peter Valentino bħala perit kien involut all the way. Qallha hu stess Peter Valentino li kont qed nitkellmu fuq kollox taħt is-sema. Taħseb li mhux se nitkellmu dwar it-travi? Ma naħsibx.*

*Dr Carl Grech:*
*Mela għandek inti xi korrispondenza għax mhix esebita għax iċċekjajna....*

*Ix-Xhud:*
*Taf kemm jingħataw instructions on site mingħajr ma jkun hemm korrispondenza?*

*Dr Carl Grech:*
*Iġifieri inti qed tgħidli li kont se tbiddel saqaf travi mingħajr ma jkollok għall-inqas biċċa karta jew biċċa email jew għal inqas messaġġ li jgħidlek għal dawn it-travi għandi bżonn travu ta' dad-daqs li jesa dan il-loading? Hekk qed tgħidli?*

*Ix-Xhud:*
*U jiena ħa nirrispondik b'lura...Mela jekk Peter Valentino...jekk kien qed isegwi x-xogħlijiet...*

*Dr Carl Grech:*
*Għidli iva jew le sinjura.*

*Ix-Xhud:*
*Iva jsir f'dak ix-xogħol.*

*Dr Carl Grech:*
*U inti allura...inti aċċettajt li instruction bħal dik toħodha hekk verbali...*

*Ix-Xhud:*
*Verbalment joħorġu ħafna instructions mingħand periti.*

*Dr Carl Grech:*
*U inti dik l-instruction aċċettajtha qed tgħid.*

*Ix-Xhud:*
*Anzi komplejt dejjem nikkomunika miegħu l-perit.*

*Il-Qorti:*
*Iġifieri nkun korrett ngħid illi kien il-perit Valentino li qallek x'għandek tordna?*

*Ix-Xhud:*
*Konna ltqajna on site...jiena kont mort iltqajt...mela Dr Grima ma setax jattendi l-visit li kien hemm il-bank...kif tiftakar...konna tellajnihom xhieda...kont jien mal-Perit Valentino u kien hemm ukoll il-periti tal-bank*

*hemm hekk u kienet saret discussion dak il-ħin dwar ir-replacement kif se jsir u Dr Grima ma kienx hemm.*

*Il-Qorti:*
*Imbagħad allura qed nifhem sew li inti mxejt fuq...fuq indikazzjoni ta' kif tak il-Perit Valentino dak inhar?*

*Ix-Xhud:*
*Mhux hu biss...anke l-periti tal-bank.*

*Il-Qorti:*
*U wara dakinhar meta għaddiet tal-bank...il-kwistjoni tal-bank u bdejt ħa tagħmel ix-xogħlijet...kien dakinhar biss li qallek trid tagħmel hekk jew erġajtu tkellimtu u forsi Dr Grima kien preżenti?*

*Ix-Xhud:*
*Kien qed isegwi x-xogħlijiet...jiena regolarment kont nibgħatlu update lil dottor...hawn lil perit Valentino...ħafna drabi. Mhux darba jew tnejn u naħseb eżibejt ukoll".*

109. Illi fl-istess xhieda in kontro-eżami, Josephine Casabene ġiet mistoqsija:

*"illi inti mingħajr ma taf x'loadings kien hemm fuq dawn it-travi u mingħajr ma taf x'loading capacity li kellhom it-travi preżenti kienet aċċettajt instructions skont inti li naqbdu nbiddlu travu sempliċement bit-travu ieħor tal-istess daqs għaxra (10) bi tmienja (8)?*

Fejn hi rrispondiet: (fol 531 et seq)

*"The decision was replace like with like iva."*

Illi fl-istess xhieda l-intimata ġiet mistoqsija: (fol 532-533)

*"Dr Carl Grech:*
*Issa ara naqblux ukoll li inti qabel ma nstallajt dawn it-travi init ma għamilt l-ebda forma ta' testing fuqhom?*

*Ix-Xhud:*
*No.*

*Dr Carl Grech:*
*Ara naqblux ukoll li l-Perit Peter Valentino ma kienx preżenti meta inti wassalt dawn it-travi on site.*

*Ix-Xhud:*
*Le ma kienx hemm.*

.............

*Dr Carl Grech:*

*Mela ara naqblux li Peter Valentino ma ħareġ l-ebda forma ta' certification għax-xogħol li għamilt inti ta replacement ta' dawk il-beams?*

*Ix-Xhud:*
*Jekk ma kienx hemm…ma kienx lanqas involut fil-measurements ta' xejn…lanqas in no part…he was never…Never he measured any works. La tar-restawr tal-faċċata li kien uffiċjalment hu responsabbli…inkarigat tagħha…nothing…he never came to measure any works".*

110. Ikkunsidrati tali fatti, il-Qorti tosserva illi, mill-provi u mill-fatti prodotti, jidher ċar illi kienet ir-responsabbilità tal-intimata Josephine Casabene illi taċċerta ruħha illi t-travi li kienet ser tqiegħed u li kienet ser tbiddel kienu travi tajbin, ta' kwalità tajba u li setgħu jiġu mqiegħda fil-proprjetà *de quo*. Meta hija aċċettat l-inkarigu li tbiddel it-travi difettużi hija ħadet ir-responsabbilità illi tipprovdi travi tajbin.

111. Jirriżulta illi tul il-kawża, l-intimata Josephine Casabene ssostni illi l-Perit Peter Valentino kien involut matul il-proġett u li dejjem imxiet fuq l-indikazzjonijiet tiegħu. Madanakollu, il-Qorti tinnota illi fl-ebda mument tal-kawża ma ġiet ippreżentata xi korrispondenza bejnha u bejn il-Perit Valentino fejn jidher ċar l-involviment tal-Perit Valentino kemm fl-għażla tat-travi jew b'xi *specifications* mingħandu ta' kif iridu jkunu t-travi.

112. Jirriżulta, mill-provi u mill-fatti prodotti, speċjalment mir-rapport tal-Perit Amanda De Giovanni, li jidher ċar illi t-travi fallew mhux biss minħabba li kien hemm problema ta' *loading* iżda wkoll għax kien hemm travi li kienu ta' kwalità inferjuri u li kienu difettużi. Illi in oltre, l-Qorti tosserva illi ċ-ċertifikat provdut mill-intimata mingħand il-fornitur li t-travi kienu *"good for construction"* ma hijiex waħda prova biżżejjed li t-travi forniti minnha kienu idoneji għal dak ix-xogħol.

113. Illi għalhekk, kemm l-intimata Josephine Casabene kif ukoll is-soċjetà intimata Casabene Ltd għandhom jitqiesu bħala responsabbli.

114. Madanakollu, għandu jiġi ribadit illi l-intimati m'għandhomx jinżammu responsabbli għal problemi eżistenti illi kien hemm diġa' fis-saqaf għaliex dawn kienux problemi li ġew ikkawżati minnhom. In oltre, l-Qorti tosserva wkoll illi kienet fl-interess tar-rikorrenti stess illi jinvolvi l-Perit tiegħu fejn jidħlu kwistjonijiet strutturali, kif kienet din tat-travi.

115. Għalhekk il-Qorti tqis illi r-responsabbilta' ta' l-intimati għandha tkun limitata għall-prezz tat-travi minnhom miġjuba, u xejn aktar, u dan fl-ammont huwa indikat fid-dokument D fol 37 u ċioè Ewro 1500,49.

**GALLARIJA**

116. Il-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tanalizza l-ilment l-ieħor tar-rikorrenti, ossia, dak li għandu x'jaqsam mal-gallarija tal-injam, senjatament maż-żebgħa tal-istess gallarija. Fix-xhieda tiegħu l-attur jispjega*:*

*"jiena kelli wkoll problema fil-gallarija li rrestawrat is-Sinjura Casabene…emm…bażikament ftit xhur wara li tlestew ix-xogħlijiet*

*emm…innutajt tqaxxir fiż-żebgħa tal-gallarija u ċempiltilha biex tiġi tara l-problema u qaltli illi dan huwa normali f'gallariji qodma u tipo trid iddurha l-gallarija kull sena. Issa l-problema hi li jiena kont xtrajt żebgħa għalja ħafna tad-ditta Benjamin Moore li tiġi b'lifetime guarantee kontra tqaxxir u fil-fatt ċempiltilhom il-fornituri ta' Benjamin Moore u ġew fuq il-post u ħadu s-samples u bagħtuhom barra minn Malta fil-laboratorju tagħhom il-Greċja jew x'imkien hemmhekk. Ukoll ġabu esperti minn barra, mill-Greċja emm…li ġew fuq il-post u li kkonkludew ukoll illi l-ħaddiema tas-Sinjura Casabene użaw stock eċċessiv u ma applikawx faxxi biżżejjed taż-żebgħa. Tant hu hekk li kien hemm…kien hemm partijiet mill-gallarija li kien għadu bl-undercoat"* (fol 52).

117. Illi meta l-Qorti staqsiet lir-rikorrenti jekk sarux xogħlijiet rimedjali fil-gallarija huwa rrisponda li ma sar xejn (fol 53). Iżda l-attur permezz ta' nota datata 25 ta' Frar 2021 (fol 206-207) ippreżenta stima tax-xogħlijiet li jridu jsiru fil-gallarija in kwistjoni.

118. Minn naħa l-oħra l-intimata Josephine Casabene fix-xhieda tagħha tispjega illi l-gallarija kienet *"in a very dire shape"* iżda xorta kienu rnexxilhom jirrestawrawha. Hija tgħid li wissiet lir-rikorrenti:

*"Għidtlu you need maintenance here all the time…litteralment tabakk. We replaced so many parts of it però għidtlu hawn hekk qiegħed kantuniera…għidtlu qiegħed fejn il-baħar…għidtlu l-kantuniera se jidħollok ir-riħ eżatt ġol-gallarija li hija ovvja. L-ewwel ħaġa inti…riħ fuq projection ħa joħodtlok l-ewwel. Fil fatt jekk tinduna…it's normali…kantuniera dejjem se tkun l-aktar post milqut. Xemx. Għax quddiemha pjazza hemm iġifieri se taqla' x-xemx…u…"* (fol 269).

Hija tkompli żżid illi l-gallarija baqgħet perfetta *"għamlet xi sena u nofs"* imbagħad l-attur kien għamel kuntatt magħha biex jgħidilha:

*"Xi sena u nofs wara ġie qalli cause the paint is flaking…għidtlu paint is flaking…għidtlu naħseb normali li paint is flaking"* (fol 269).

119. Fix-xhieda tagħha hija tkompli żżid is-segwenti: (fol 269 et seq – 270).

*"Dr Jonathan De Maria:*
*U meta kellmek Dr Grima dwar dan…din il-gallarija u l-problema taż-żebgħa inti x'kienet ir-reazzjoni tiegħek?*

*Ix-Xhud:*
*Għalija normali…ma hemm xejn…kieku…kieku sar xogħol ħażin…kif ma kienx hemm xogħol ħażin fuq il-persjani…kif ma kienx hemm xogħol ħażin fuq il-bieb ta' barra…li dejjem hemm…"*

*Dr Jonathan De Maria:*
*Bħala żebgħa…*

*Ix-Xhud:*
*Paint supplied by client. Benjamin Moore.*

.............

*Ix-Xhud:*
*Yes. Li suppost jgħidulek we give a ten (10) year guarantee on paint. Għidtilhom ok. Kont għidtlu…you are throwing your money away. Għidtlu not in Malta. Not on these apertures.*

*Dr Jonathan De Maria:*
*Dwar l-aperturi l-oħra hemm xi ilmenti?*

*Ix-Xhud:*
*No…never…qatt…*

*Il-Qorti:*
*Iġifieri inti għamilt l-aperturi kollha bil-gallarija b'kollox?*

*Ix-Xhud:*
*Kollox. Bil-gallarija, bil-bieb ta' barra, persjani…twieqi..."*

120. Meta mistoqsija, in kontro-eżami, dwar il-gallarija, l-intimata Josephine Casabene reġgħet irribadiet illi ż-żebgħa kien xtraha l-klijent u li l-garanzija fuq iż-żebgħa kien tahielu s-*supplier* u mhux hi. In oltre, hija spejgat illi kienet għamlet żewġ passati ta' *undercoat* u żewġ passati ta' *top coat* (fol 535 et seq).

121. Il-Qorti hawnhekk tosserva illi, għal dak li għandu x'jaqsam mal-gallarija tal-injam, ir-rikorrenti naqas milli jġib provi ċari u inekwivokabbli li juri li t-tqaxxir taż-żebgħa fil-gallarija kien sar minħabba tort attribwibbli lil xi ħadd mill-intimati. Il-Qorti tqis ukoll illi d-dokument eżebit bħala Dok 14 fol 162-168 xorta waħda ma jitfax dawl u ma jistabbilixxi ħtija da parti tal-intimati.

122. Għalhekk, l-intimati ma jistgħux jinstabu responsabbli għall-danni fil-gallarija, kif qed jikkontendi r-rikorrenti.

**Konsiderazzjonijet finali**

123. Il-Qorti tosserva illi r-rikorrenti, fit-talbiet tiegħu, qiegħed jitlob danni sofferti minħabba li l-intimati ma espletawx l-appalt tagħhom skont is-sengħa u l-arti inkluż telf ta' profit.

124. Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi fl-ebda mument tul il-kawża ma ġiet ippreżentata prova minn naħa tal-attur rigward telf ta' profit. Illi minkejja li f'xi korrispondenza ppreżentata huwa jsemmi l-possibilità li jikri l-proprjetà in kwistjoni, qatt ma ġiet ippreżentata prova dwar dan, u lanqas ma ppreżenta xi provi li juru illi, llum il-ġurnata, wara illi huwa għamel ix-xogħolijiet rimedjali, huwa qiegħed attwalment jikri l-fond lill-terzi.

125. Illi b'hekk, il-Qorti mhux sejra tillikwida danni minħabba telf ta' profit.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tar-rikorrenti u tal-konvenuti;

Tgħaddi biex taqta’ u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha ta’ l-intimati kif ġej, u dana billi:

**Tilqa'** l-Ewwel Talba limitatament fejn:

**Tiddikjara** li l-intimati ma eżegwewx l-appalt mogħti lilhom skond is-sengħa u l-arti, meta fornew travi mhux adegwati għax-xogħol rikjest, u dan għar-raġunijiet ġia fuq spjegati.

**Tilqa’** t-Tieni u t-Tielet Talba limitatament, dana billi:

**Tiddikjara** lill-intimati responsabbli għad-danni relatati mat-travi in kwistjoni.

**Tilqa'** r-Raba' Talba tar-rikorrenti u:

**Tikkundanna** lill-intimati jħallsu solidament bejniethom l-ammont ta’ **elf u ħames mitt Ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€ 1500.49).**

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni għandhom ikunu kollha a kariku ta’ l-intimati insolidum bejniethom.

**Interessi** mid-data tas-sentenza odjerna sad-data tal-pagament effettiv.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur